MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 2611/2002

**Borg Cold Stores (Import & Distribution) Limited**
**vs**

**Raymond Martin f'ismu propju u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' 19 Steps Restaurant**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fl-1 ta' Novembru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u disgha u ghoxrin lira Maltija u tlieta u sittin centezmu (Lm329.63), rapprezentanti import ta' merkanzija konsistenti f'prodotti ta' l-ikel lilu mibjugha ghall-19 Steps restaurant u debitament konsenjati lill-konvenut l mhux imhallsa, skond kif jidher mill-prospett anness mal-avviz u mmarkat Dok.A;**

**Bl-ispejjez, inkluzi l-ispejjez ta' l-ittra bonarja datata l-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elf disa' mija**

**disgha u disghin (1999) u mmarkata Dok.B u l-ittra ufficjali datata s-sitta u ghoxrin ta' Novembru tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999) annessa u mmarkata Dok.C u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Katya Azzopardi ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut fil-kwalita` tieghu premessa jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u disgha u ghoxrin lira Maltija u tlieta u sittin centezmu (Lm329.63), bl-imghaxijiet legali mis-26 ta' Novembru, 1999.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi l-ispejjez ta' l-ittra bonarja datata 25 ta' Frar, 1999 u l-ittra ufficjali datata 26 ta' Novembru, 1999, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------